**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Sede Kostituzzjonali**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors 509/2023DC**

***Noel Gafa***

***vs***

***Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali Ċivili; u***
***L-Avukat ta'l-Istat***

Illum, 14 ta' Marzu 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors promotur ta'l-attur preżentat f'l-10 ta' Ottubru 2023, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talab lill-Qorti:

1) *Tagħti l-miżura provizorja tal-ħelsien tal-esponenti mill-ħabs;*
2) *Tiddikjara illi l-piena ta' inkarċerazzjoni u/jew detenzjoni tal-esponenti kif ordnat bid-digriet tal Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' nhar 1-1-17 ta' Mejju 2023 hija abbużiva u saret mingħajr ebda bażi legali;*
3) *Tiddikjara illi konsegwentament tali inkarċerazzjoni u/jew detenzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanciti mill-Artikoli 5, 6, u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 1 tar-raba Protokoll tal-istess Konvenzjoni u mill-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni;*
4) *Tagħti dawk ir-rimedji u direttivi kollha li jidrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluż il-ħelsien mill-ħabs tal-esponenti u l-liberazzjoni mill-effetti tad-digriet tal-17 ta' Mejju 2023:*
5) *Tiddikjara l-intimati in solidum jew min minnhom responsabbli għad-danni kkaġunati lill-esponenti bl-aġir fuq premess;*

6) *Tillikwida d-danni kkaġunati u l-kumpens dovut;*
7) *Tordna l-intimati in solidum jew min minnhom iħallsu dik is-somma hekk likwidata fi żmien perentorju.*

Rat ir-risposta tal-konvenut l-Avukat ta'l-Istat preżentata f'l-25 ta' Ottubru 2023.

Rat ir-risposta tal-konvenut id-Direttur tal-Qrati u Tribunali Ċivili preżentata fis-27 ta' Ottubru 2023.

Rat it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut l-Avukat ta' l-Istat li taqra hekk:

> *Illi bla ħsara għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti għandha taċċerta ruħha huwiex il-każ li jiġi kjamat in kawża Mario Gafa, u cioe' il-persuna li talbet il-ħruġ tal-mandat in factum;*

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fit-30 ta' Ottubru 2023 meta l-partijiet qablu li din l-eċċezzjoni għandha tiġi kkunsidrata wara u skond l-eżitu tat-talba għar-revoka tal-mandat in eżami liema talba kienet qed tiġi deċiża minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma fil-11 ta' Jannar 2024[1] meta l-konvenut l-Avukat ta'l-Istat iddikjara *li qed jinsisti fuq it-tieni eċċezzjoni jew alternattivament jitlob in-notifika tar-rikors promotur lil Mario Gafa li jkollu terminu li fih jekk jidhirlu xieraq jitlob lil din il-Qorti sabiex jintervjeni in statu et terminis f'dawn il-proċeduri*.

Rat li f'l-istess udjenza il-Qorti tat żmien lill-partijiet l-oħra żmien biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-eċċezzjoni u dwar it-talba fuq imsemmija.

Rat in-nota ta'l-attur Noel Gafa preżentata fid-19 ta' Frar 2024.

Rat li l-konvenut l-ieħor id-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali Ċivili ma preżentax sottomissjonijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

[1] Udjenza miżmuma wara li kienet ġiet deċiża t-talba għar-revoka tal-mandat.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qed jallega li ġew leżi diversi drittijiet fundamentali tiegħu u ċioe: id-dritt għal protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja, id-dritt għall-ħajja privata u għall-familja, u d-dritt għall-smigħ xieraq. Huwa jikkontendi li l-ksur ta' dawn id-drittijiet kien riżultat tad-degriet mgħoti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili meta dik il-Qorti laqgħet talba ta' Mario Gafa għall-ħruġ ta' mandat *in factum* kontra tiegħu u bħala riżultat tal-konsegwenti arrest u detenzjoni in esekuzzjoni ta'l-istess mandat.

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu u permezz tat-talba minnhu dedotta waqt l-udjenza miżmuma fil-11 ta' Jannar 2024 il-konvenut l-Avukat ta'l-Istat qed jitlob[2] il-kjamat in kawża ta' Mario Gafa, cioe il-persuna li talbet il-ħruġ tal-mandat, jew alternattivament li jinghata ordni mill-Qorti biex ir-rikors promotur jiġi notifikat lill-imsemmi Mario Gafa li jkollu terminu biex jekk hekk jidhirlu jitlob li jintervjeni fil-kawża.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li:

> *L-istitut (tal-kjamat fil-kawza) jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, principalment: (a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra. (b) Dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha……"* [3]

Illi fil-ġurisprudenza ntqal ukoll li:

> *Illi s-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta` kawzi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistghu jitqieghdu f`gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom. Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta` l-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta` interess tal-parti li toqghod f`gudizzju;*

[2] Il-mod kif inhi impostata din l-eċċezzjoni mhux ċar jekk l-Avukat ta'l-Istat qed jitlob jew jissuġerixxi l-kjamata in kawża ta' Mario Gafa.
[3] Alexander Booker et vs Jospeh Camenzuli et deċiża mill-Qorti ta'l-Appell Superjuri fil-5 ta' Ottubru 2001 b'referenza għal Joseph Riolo vs Carmel Muscat 15 .03.1991.

> *Illi l-interess li jsejjes is-sejha fil-kawza ghandu jkun fl-ezitu tal-gudizzju, mhux necessarjament fis-sens li l-imsejjah fil-kawza jkun kundannat jew mehlus, imma fis-sens li jsostni r-ragunijiet tal-attur jew tal-imharrek, jew sahansitra tieghu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet. Imma, fi kwalunkwe kaz, l-interess tal-imsejjah fil-kawza ghandu jkun ta` livell bhal dak imfisser minn hafna sentenzi taghna bhala l-interess guridiku li ghandu jkollha parti fil-kawza.*[4]

Ikkunsidrat

Illi l-mandat *in factum* li dwaru jilmenta l-attur inħareġ fuq talba ta' Mario Gafa, fatt li minnu jista' jitnissel interess, fis-sens ġeneriku tal-kelma, ta' Mario Gafa fil-proċedrui odjerni. Pero dak mhux suffiċjenti biex ikun jista' jingħad li għandu interess ġuridiku, ċioe interess sostanzjali u dirett, fil-proċeduri odjerni, jew biex ikun jista' jingħad li n-nuqqas tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-kawża ser timmina l-integrita tal-ġudizzju. F'dan ir-rigward huwa ta' ċerta relevanza li ai termini ta' degrieti mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta l-mandat maħruġ fuq talba ta' Mario Gafa ġie revokat u ġie ordnat ukoll ir-rilaxx ta' l-attur mill-arrest.

Illi huwa ċar mill-premessi kif dedotti fir-rikors promotur li l-ilmenti ta'l-attur jirrigwardaw mhux it-talba għall-ħruġ tal-mandat iżda l-proċedura addottata mill-Qorti fid-determinazzjoni ta' dik it-talba u l-ordnjiet li ngħataw minn dik l-istess Qorti. Għal dawn l-ilmenti jistgħu jirrispondu biss l-konvenuti jew min minnhom, u ċertament mhux Mario Gafa.

Illi fil-verita ma ntweriex x'interess, ġuridiku, jista' jkollu Mario Gafa fil-proċeduri odjerni, partikolarment f'dan l-istadju meta l-mandat ġia ġie revokat u l-attur rilaxxjat mill-arrest b'ordnijiet għotija f'proċeduri separati u distinti mill-proċeduri odjerni.

Illi in vista ta' dan l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut l-Avukat ta'l-Istat talab ukoll, b'mod alternattiv għall-eċċezzjoni hawn deċiża, li l-Qorti tordna n-notifika tar-rikors promotur lil Mario Gafa biex, jekk hekk jidhirlu, jitlob li jintervjeni *in statu et terminis*. Din it-talba pero m'għandha l-ebda bażi legali.

---

[4] Ref *Dr. Marco Sammut et vs Di Natura Limited* deċċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta` Jannar 2013.

Illi kif intqal aktar ‘l fuq meta waqt is-smigħ ta’ kawża jirriżulta li hemm persuna oħra li għandha interess ġuridiku f’dawk il-proċeduri pendenti u jkun f’l-interess tal-ġustizzja li dik il-persuna l-oħra toqgħod għal dak il-ġudizzju u ħadd mill-partijiet ma jitlob biex dan jiġi ordnat, il-Qorti tista’ tordna l-kjamat in kawża *ex officio* mingħajr il-ħtieġa li tinnotifika jew tisma lil dik il-parti l-oħra. U huwa dak ir-rimedju li tipprovdi l-Liġi. L-intervent *in statu et terminis* huwa volontarju u jiddependi kompletament fuq il-volonta tat-terz mingħajr “suġġerimenti” da parti tal-Qorti. Għalhekk jew il-Qorti tkun konvinta li terz għandu interess ġuridiku u tordna l-kjamata in kawża tiegħu altrimenti tieqaf hemm.

Illi konsegwentement anke din it-talba qed tiġi miċħuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut l-Avukat ta’l-Istat u tiċħad ukoll it-talba ta’l-istess konvenut l-Avukat ta’l-Istat dedotta waqt l-udjenza miżmuma fil-11 ta’ Jannar 2024.

Spejjeż ta’ din l-istanza ikunu a karigu tal-konvenut l-Avukat ta’l-Istat.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**